**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` Marzu 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**Vs**

**ALESSANDRO BORG CARUANA**

Kump Nru 963/2012

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Alessandro Borg Caruana** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 351929M, gie akkuzat talli b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, u cioe talli :

1. fid-9 ta' Dicembru 2002 u fis-snin ta' qabel, ukoll wara nzul ix-xemx, b'mezzi qarrieqa li bihom seta kellek l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, jew li bihom stajt twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew marker fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, bhala detentur tal-istabbiliment numru 51, Golden Harvest Discount Store, Triq tal-Katidral, Tas-Sliema jew bhala l-persuna li f'ismek hemm irregistrat il-meter tad-dawl, ikkommettejt serq ta' kurrent elettriku mill-imsemmi fond, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema

serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u kif ukoll bl-ammont li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamilt hsara fil-gumni jew fil-makkinarju tal-elettriku jew ikkagunajt hsara jew telf ta' kurrent elettriku, jew ghamilt hsara jew kissirt parti mill-meter jew is-sigill tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provista tal-elettriku, liema hsara tammonta ghall-tmintax-il ewro u erbgha u sittin centezmu (€18.64), (ekwivalenti ta' tmien Liri Maltin) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-25 ta` Settembru 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara *folio* 5);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi fil-qosor, li gara f'dan il-kaz kien illi bhala *sub-empheteuta* tal-fond 51, Cathedral Street, Sliema, l-imputat flimkien ma martu, krew dan l-istess fond lil Donald Borg permezz ta` ftehim datat l-1 ta` Gunju 2002. L-Imsemmi Donald Borg ha mill-ewwel il-pussess tal-fond imsemmi u kellu jaghmel xi *refurbishment*. Flimkien ma l-imputat, giet sottomessa applikazzjoni sabiex is-servizz tal-elettriku jinqaleb minn wiehed *single* ghal wiehed *three* phase. Sussegwentement, fid-9 ta` Dicembru 2002, kienu marru l-ufficjali ta` l-Enemalta sabiex jaghtu dan is-servizz u meta kienu ser jibdew skoprew u sabu li kien hemm xi sigilli nieqsa u meta nfetah il-meter, instab xi brix fuq id-disk. Din l-ispezzjoni saret quddiem l-imputat peress illi huwa gie msejjah fuq il-post minn Donald Borg. Dwar dan kollu saret inkjesta wara rapport appositu li kien sar lill-Pulizija.

Naturalment, il-meter il-gdid twahhal u l-Enemalta ghamlet il-kalkoli taghha sabiex tkun tista tistabbilixxi jekk kienx hemm serq ta` energija elettrika. Sar kalkolu fis-sens

illi sar ezercizzju fejn qabblu l-konsum l-antik tal-meter l-antik mal-konsum il-gdid bil-meter il-gdid (*three phase*) – minn dan il-kalkolu setghu jaraw li kien hemm diskrepanza sostanzjali bejn l-ahhar hames snin bil-meter l-antik u l-perjodu wara d-9 ta` Dicembru 2002 sa Jannar 2004 (bil-meter il-gdid) – ara *folios* 11, 12 u 13.

Peress illi originarjament il-konsum kien registrat fuq isem l-imputat fis-sena 1987 (ara *folio* 14) u baqa hekk anki wara, l-awtoritajiet iddecidew li jipprocedu kriminalment kontra l-imputat b'din il-kawza.

**Ikkunsidrat**;

Illi in linea preliminari d-difiza issollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta` ghaxar snin ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni. Minhabba f'hekk din il-Qorti kellha tara d-dati relevanti u tqis li tali eccezzjoni ma hijiex sostenibbli. Id-data tar-reat taqra 9 ta` Dicembru 2002 filwaqt li l-imputat deher ghall-ewwel darba quddiem il-Qorti propju fl-udjenza tas-27 ta` Novembru 2012 – ftit granet qabel l-gheluq tal-ghaxar snin. Dan ifisser illi l-azzjoni ma hijiex kolpita bil-preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi fl-ezami tar-rizultanzi processwali, din il-Qorti mhux biss qrat u ezaminat, izda tiddikjara li qed taqbel perfettament mal-insenjament - b'referenza ghall-Artiklu 264 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta - tal-**Qorti ta` l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Emanuel Camilleri" (App. Nru 206/2000NA – deciza 09.02.2001)** fejn gie rilevat li jekk il-prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova l-ezistenza ta` mezzi qarrieqa u ta` tbaghbis fil-meter, ikun jinkombi fuq l-imputat illi jipprova illi fil-fatt ma kienx ikkommetta tbaghbis fil-meter u serq ta` kurrent elettriku.

**Ikkunsidrat**;

Illi mir-rizultanzi processwali rrizulta li l-imputat kien il-persuna li fuqu kien irregistrat is-servizz u kien propju ghalhekk li l-proceduri ttiehdu kontrieh. *Prima facie*, din kienet pozizzjoni korretta da parti tal-pulizija.

Izda fil-process jirrizulta wkoll pero` illi, ghalkemm kien hemm Donald Borg fix-xenarju (ghalkemm dan kien ghal perjodu qasir ta` madwar sena mid-9 ta` Dicembru 2002), kien hemm ukoll fix-xenarju inkwillin iehor precedenti li kellu l-pussess tal-fond (ad eskluzjoni ta` l-imputat) ghal certu zmien, u dan kien certu Ajman Califa. Dan bhala fatt irrizulta mill-inkjesta li saret.

Issa, ghalkemm din il-Qorti taqbel ma l-insenjament tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali (ara *supra*), fil-kaz odjern, a differenza ta` kazijiet ohra, jirrizulta li l-azzjoni kriminali setghet tigi kkontemplata kontra wiehed jew aktar minn tlett persuni. Din kienet possibilita`. Dan ix-xenarju, fil-kuntest tal-ligi, huwa tali li jhalli lok ghal dubbju.

Fil-kuntest ta` dawn ir-rizultanzi processwali din il-Qorti hi tal-fehema illi l-kaz tal-prosekuzzjoni qatt ma jista jikkostitwixxi oggettivament kaz konklussiv kontra l-imputat. Il-fatti u l-provi ma jindikawx lill-imputat b'mod esklussiv u konsegwentement ma jistax jinghad li f'dan il-kaz jiskatta r-rovvexxament ta` l-oneru tal-prova, skond kif enuncjat fis-sentenza fuq citata.

Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju tal-valur, kieku kellu jirrizulta li s-serq tal-kurrent elettriku ghamlu l-imputat, din il-Qorti hi tal-fehema li l-kalkolu kif maghmul u kif jidher a *folios* 11, 12 u 13, ma jistax ikollu valur probatorju f'kawza kriminali. Il-kalkolu huwa wiehed imsejjes fuq assunzjonijiet u suppozizzjonijiet, u dawn allura jirrendu tali kalkolu mhux affidabbli.

**Decide**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL ALESSANDRO BORG CARUANA MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET DEDOTTI KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur